KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta u Sebgħin (76)***

***It-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 76 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIER | ANTHONY VELLA |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm

**76.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

76.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

76.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 74 li nżammet nhar it-Tnejn, 15 t' April, 2024 kif ukoll il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 75 li nżammet nhar it-Tlieta, 30 t'April 2024.

76.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 74 u 75 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

76.2.3 **Mozzjoni 76-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 74 kif ukoll il-Minuti tal-Laqgħa Numru 75

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 74 u 75 ġew approvati unanimament.

**76.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 76(08) – Mejju 2024***

76.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 76(08) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11239 sa 11288 kif ukoll cheque bin-numru 7234 (11250) li jammontaw €37,823

76.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

76.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet tliet pagamenti dovuti lill-Perit tal-Kunsill dwar xogħlijiet li saru biex issir il-pjanta għall-parkeġġi fi Triq il-Wilġa, kif ukoll iż-żewġ monumenti tal-Familja u ta' Rizzo Naudi. Wara li l-Kunsill evalwa l-invoices, ġie nnutat li l-ammont rikjest huwa wieħed ftit eċċessiv, għaldaqstant il-Kunsill qabel li jitlob kjarifika u spjegazzjoni iktar dettaljata ta' dawn ix-xogħlijiet.

76.3.4 Tressqet ukoll invoice għal ħlas ta' dawl fil-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kunsill qabel li din tiġi inkluża mal-lista' ta' pagamenti.

76.3.3 **Mozzjoni 76-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 76(08) bl-ammont ta' €37,823

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 76(08) ġiet approvata unanimament.

**76.4 Rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender:**

**GHLC/T/03/2024 – TENDER FOR EXTENSIVE MAINTENANCE WORKS AT GHAXAQ 5-A-SIDE FOOTBALL PITCH USING ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MATERIALS AND PRACTICES**

76.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender tal-Pitch, fejn kellna 3 offerti mitfugħa.

76.4.2 Il-Bord tal-Evalwazzjoni, wara li evalwa id-dokumenti kollha sottomessi, irrakomanda li tingħażel l-orħos offerta sottomessa mingħand GA Home and Sports Ltd. għas-somma ta' €24,900 mingħajr VAT.

76.4.3 **Mozzjoni 76-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni ir-rakkomandazzjoni imsemmija f'76.4.2

Proponent: Is-Sindku Darren Abela

Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

Ir-Rapport tal-Evalwazzjoni ġie approvat unanimament.

**76.5 Rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender:**

**GHLC01/2024 – PROFESSIONAL SERVICES OF A CONTRACTS MANAGER AT THE GHAXAQ LOCAL COUNCIL**

76.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Contracts Manager, fejn kellna 6 offerti mitfugħa.

76.5.2 Il-Bord tal-Evalwazzjoni, wara li evalwa id-dokumenti kollha sottomessi, irrakomanda li tingħażel l-orħos offerta sottomessa mingħand Synthesis Ltd. għas-somma ta' €14,700 mingħajr VAT.

76.5.3 **Mozzjoni 76-04**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni ir-rakkomandazzjoni imsemmija f'76.5.2

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsillier Anthony Vella

Ir-Rapport tal-Evalwazzjoni ġie approvat unanimament.

**76.6 Korrispondenza**

76.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jsir xi xogħlijiet ta' Żebgħa fuq it-*telephone box* fi Vjal il-Labour minn Tourism Zone Regeneration.

76.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni għal żbir ta' siġar fiż-żona ta' Triq il-Qattus li tammonta għal €1475 VAT inkluża. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni.

76.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korripondenza dwar bankina ma boundary wall ta' plot li qed jinbena. Sid il-binja qed jitlob direzzjoni mill-Kunsill dwar jekk għandix issir bankina jew pedestrian crossing. Il-Kunsill ma jaqbilx li ssir pedestrian crossing minħabba li għaliha jkollhom jitneħħew 4 parking spaces. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jitlob lis-sid jagħmel bankina li ma toħroġx iktar il-barra mill-parking spaces eżistenti. Ġie nnutat ukoll li t-tħaffir beda mill-*alignment* tal-bankina u mhux tal-bini, għaldaqstant għandha tinġibed l-attenzjoni dwar dan ukoll.

76.6.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq pjanta b'disinn għall-proġett ta' Triq iċ-Ċimiterju. Il-Kunsill approva din il-pjanta.

76.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar talba biex jitwaħħal *Traffic Counter* fi Triq Ħal Tarxien. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

76.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar Cirkolari 4/2024 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsilll Lokali fit-8 ta' Ġunju 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dakinhar l-uffiċċju se jkun qed jinżamm magħluq u infurmat ukoll li l-ġurament tal-ħatra tal-Kunsilliera se jsir fil-25 ta' Ġunju 2024. Dettalji se jingħataw iktar il-quddiem.

**76.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

76.7.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jingħata l-konkos fi Sqaq li hemm fi Triq Ħas Saptan. Il-Kunsill qal li qabel isir ix-xogħol għandna niċċekjaw jekk l-art hiex privata.

76.7.2 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li l-inawgurazzjoni tal-Monument ta' 2 Rizzo Naudi fil-Bypass ta' Ħal Għaxaq se jsir nhar l-4 ta' Ġunju 2024

76.7.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jitwaħħlu fanali ġodda fi Triq San Ġużepp 3. Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li jsiru sakemm issir konsultazzjoni mal-girien.

76.7.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar iz-zebra crossing li saret quddiem l-iskola. Daħħlu diversi ilmenti dwar it-tneħħija ta' parkeġġi. Il-Kunsill ikkonferma li kull ma tneħħew huma żewġ parkeġġi u żdied ieħor. Madanakollu se jkun qed jitneħħa d-double line ta' quddiem l-iskola biex ikun hemm iktar fejn jipparkjaw.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa l-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skużat (19:15)*

76.7.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir ikla wara l-aħħar laqgħa ta' din il-leġislatura. Dwar dan il-Kunsill qabel.

76.7.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-istaff tal-Kunsill jorganizza Team Building Activity li ssir mis-1pm il-quddiem. Għal dakinhar l-uffiċċju tal-Kunsill jiftah filgħodu biss. Din l-attivita' ġiet approvata mill-membri kollha preżenti.

76.7.7 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar it-tindif għal wara l-kunċerti li se jiġu organizzati fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li t-tindif ta' wara ż-żewġ kunċerti tas-17 u 18 ta' Mejju jitnaddfu mill-Cleansing, filwaqt li l-aħħar kunċert tal-25 ta' Mejju jitnaddaf mill-ħaddiema tagħna. Bħala ħlas ngħaddulhom Eur350 kull wieħed. Dwar dan il-Kunsill qabel. Is-Sindku ressaq talba minn ħaddiem li kien jaħdem mal-Kunsill qabel sabiex jiġi jnaddaf wara l-kunċert. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-ħaddiema preżenti biex jnaddfu huma.

76.7.8 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet fi Triq il-Barklor se jitkomplew min-nhar il-Ħamis li ġej sat-Tlieta.

76.7.9 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex l-impjegat tal-Kunsill Shaun Spiteri jitla' Skala 13. Is-Sur Spiteri ilu jaħdem bħala skrivan mal-Kunsill Lokali għal dawn l-aħħar 10 snin, għaldaqstant għandna nitolbu l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex jitla' skala 13.

**76.8 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>**

76.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li fi Triq il-Ħatem hemm sprall miżdud, għaldaqstant għandna nibgħatu l-ħaddiema biex jaraw jekk l-isprall għadux jintuża'. Jekk jintuża' għandu jitnaddaf u jinbidel. Jekk le, jingħata l-konkos. Dwar dan il-Kunsill qabel.

76.8.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet jekk twaħħlux it-tabelli ta' Dawret Ħal Għaxaq biex ma jipparkjawx fuq il-bankina. Il-Vici Sindku qalet li se tiċċekja u filkaż tigwida l-ħaddiema fejn iridu jitwaħħlu.

76.8.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar l-iskema ' Ġonna fl-Urban' fejn pproponiet li l-Kunsill jipparteċipa u jagħmel talba sabiex jinxtraw siġar biex jitpoġġew f'pots fil-pjazza. Dwar dan il-Kunsill qabel. Il-Pjanti għandhom jinxtraw mingħand Carabott li qiegħed imniżżel fil-lista annessa mal-iskema.

76.8.9 Il-Vici Sindku Christine Dalli talbet biex terġa' titgħatta l-pedestrian crossing fi Triq il-Gudja ta' fejn l-iskola.

76.8.10 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li tqaċċtet il-bollard li hemm fis-centre strip faċċata tal-monument tal-annimali biex titranġa.

76.8.11 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li tinħarat il-ħamrija li hemm fi Triq ir-Rebbiegħa. Il-Kunsill qabel.

76.8.12 Il-Vici Sindku Christine Dalli ġibdet l-attenzjoni li hemm tabelli fi Triq Santa Marija li huma bla użu u hemm oħrajn li hemm bżonn jinbidlu għax iċċaraw. Il-Kunsill qabel li jinbidel li hemm bżonn.

76.8.13 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet meta se jiġu nstallati l-cameras. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna mingħand il-kuntrattur sabiex jagħtina data meta ser jibda.

76.8.14 Il-Vici Sindku Christine Dalli talbet li jintbagħat email lill-IM dwar Trejqet ir-Rummien minħabba li hemm ħafna ilma.

76.8.15 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet talba mingħand resident sabiex jitwaħħlu bollards fuq il-bankina biex ma jipparkjawx fuqha. Is-Sindku qal li l-bankina mhix wiesa' biżżejjed għaldaqstant ma jistgħux isiru bollards.

76.8.16 Il-Kunsilliera Rose Agius proponiet li niktbu l-Ministru Owen Bonnici rigward propjeta' f'Ħal Għaxaq biex il-gvern jinvesti fiha biex tintuża' bħala binja għal uffiċċini tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar li jkollha pjanta tal-propjeta' u kemm hi t-talba.

76.8.17 Il-Kunsillier Anthony Vella ressaq talba sabiex fi Triq Ġarakol fejn hemm bankina dejqa issir konka bis-siġar u l-pjanti. Din it-talba qed issir minn residenti li għandu l-propjeta' tiegħu tmiss ma din il-bankina u dan qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex il-konka jagħmilha hu, jieħu ħsiebha hu u jiżra' l-pjanti u s-siġar fiha. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Anthony Vella qalu li se jmorru fuq il-post biex jaraw u se jkunu qed jikkomunikaw mal-kumplament tal-Kunsill permezz tal-email.

F'dan l-istadju tal-Laqgħa il-Vici Sindku Christine Dalli talbet li tkun skużata (20:25)

76.8.18 Il-Kunsillier Anthony Vella ressaq ilment sabiex fi Triq G.Demicoli titranġa ftit il-bankina mill-ħaddiema tagħna. Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

## 76.9 <u>Mozzjonijiet</u>

76.9.1 Annessi mal-Minuti

**76.10 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

76.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2024 fil-5:30pm

Il-Laqgħa ntemmet fid-9:00pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 76**

**Mozzjoni Ref:** 76-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 74 kif ukoll tal-Laqgħa Straordinarja Numru 75

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 13 ta' Mejju 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 76**

**Mozzjoni Ref:** 76-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 74

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

**Data:** 13 ta' Mejju 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**